Aktar informazzjoni u *downloads* tal-MoReq2 u l-materjali ta' ttestjar jistgħu jinkisbu mis-siti elettroniċi li ġejjin:

- **http://www.DLM-Network.org/moreq2**
- **http://ec.europa.eu/transparency/archival_policy/moreq**

L-MoReq2 kien żviluppat għall-Kummissjoni Ewropea mis-Serco Consulting b'finanzjament tal-programm IDABC tal-Unjoni Ewropea.

KA-81-08-415-MT-D

MoReq2 L-aġġornament u l-estensjoni tal-Ħtiġijiet-Mudell għall-Ġestjoni ta' Rekords Elettroniċi

Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
Publications.europa.eu

MoReq2

# L-aġġornament u l-estensjoni tal-Ħtiġijiet-Mudell għall-Ġestjoni ta' Rekords Elettroniċi

## MoReq2

DLM-FORUM
Electronic Records

L-MoReq2 jipprovdi ħtiġijiet ġeneriċi għal sistema ta' ġestjoni ta' rekords elettroniċi. Hu verżjoni aġġornata u estiża tal-verżjoni preċedenti tal-Ħtiġijiet-Mudell għall-Ġestjoni ta' Rekords Elettroniċi, li kienet ippubblikata fl-2001.

L-ispeċifikazzjoni oriġinali kienet waħda ta' suċċess u użata ħafna madwar u 'l hemm mill-Ewropa. Kienet ġiet ikkwotata bosta drabi u kellha rwol ċentrali fil-ġestjoni ta' rekords elettroniċi. Iżda nbidlet ħafna mill-2001. Tkabbir u bdil teknoloġiku kellhom effetti kbar fuq il-ħolqien, il-qbid u l-ġestjoni ta' rekords elettroniċi. Standards ġodda u l-aħjar prattiċi ġew żviluppati. Sabiex jinżamm l-istatus tal-MoReq kien neċessarju li jkunu aġġornati r-rekwiżiti-mudell u li jkunu estiżi biex ikopru xi oqsma ġodda li saru importanti f'dawn l-aħħar snin.

## MoReq2

L-MoReq2 jindirizza l-impatti tal-bidla teknoloġika u jikkonsidra l-istandards il-ġodda u l-aħjar prattiċi. L-MoReq2 kien rivedut fl-istadji importanti tal-iżvilupp tiegħu minn ħafna utenti, konsulenti, fornituri, akkademiċi u korpi professjonali minn madwar id-dinja. Dan jagħtih livell ta' awtorità bħal qatt qabel u l-MoReq2 ser ikun ta' valur kbir għal dawk kollha involuti fil-ġestjoni ta' rekords elettroniċi.

L-MoReq2 hu intiż biex jintuża minn spettru vast ta' organizzazzjonijiet tas-settur pubbliku u privat li jixtiequ li jiżviluppaw sistema ta' ġestjoni ta' rekords elettroniċi (ERMS). Jista' jintuża meta jkunu qed jitħejjew rekwiżiti għall-proposti, qed jiġu evalwati s-sistemi eżistenti, jitħejja l-materjal għat-taħriġ tal-ġestjoni tar-rekords, eċċ. Hu ddestinat biex isir il-prinċipju ta' gwida użat mill-fornituri u żviluppaturi tas-sistema ERM. L-MoReq2 hu intiż biex jintuża madwar l-Unjoni Ewropea kollha u x'aktarx ser ikollu rwol dinji importanti.

## Il-flessibbiltà

L-MoReq2 hu intiż biex jintuża madwar l-Ewropa. B'hekk għandu bżonn li jkollu ċertu grad ta' flessibbiltà biex jitqiesu ħtiġijiet legali differenti rigward ġestjoni ta' rekords, tradizzjonijiet differenti ta' ġestjoni ta' rekords u bżonnijiet differenti. L-MoReq2 kien għalhekk żviluppat bħala speċifikazzjoni modulari li tista' tkun imfassla għal ambjenti differenti. Għandu modulu bażi li għandu l-ħtiġijiet prinċipali neċessarji sabiex jipprovdi ġestjoni kredibbli ta' rekords elettroniċi u moduli ottiċi li jistgħu jkunu miżjuda jekk tkun mixtieqa aktar funzjonalità.

L-MoReq2 jintroduċi wkoll l-hekk imsejjaħ *Chapter Zero*. Dan hu maħsub biex jippermetti lill-Istati Membri sabiex iżidu l-ħtiġijiet nazzjonali uniċi tagħhom, b'hekk ikunu kkonsidrati d-diversi lingwaġġi, leġiżlazzjonijiet, regolamenti u tradizzjonijiet tal-ħażna tar-rekords.

## L-eżami ta' konformità

L-MoReq2 għall-ewwel darba qed jippermetti li tkun implimentata skema ta' ttestjar ta' *software*. Hu miktub speċifikament biex jappoġġa l-eżekuzzjoni tal-ittestjar ta' konformità indipendenti. Il-moduli għat-test ta' konformità ġew żviluppati għal dan il-għan b'mod parallel mal-ħtiġijiet-mudell innifishom.

## Il-Forum DLM

L-MoReq2 kien żviluppat mill-Kummissjoni Ewropea fuq it-talba tal-Forum DLM, organizzazzjoni Ewropea indipendenti ta' arkivji u organizzazzjonijiet oħra pubbliċi u privati interessati fil-ġestjoni ta' arkivji u rekords u informazzjoni.

DLM-FORUM
Electronic Records

Il-Forum DLM hu responsabbli għall-governanza tal-MoReq2. Aktar informazzjoni tista' tinkiseb direttament mill-Forum DLM (www.dlm-network.org).